**29 ta' Ottubru, 1998**

**Imhallef:-**

**Onor. Joseph A. Filletti B.A., LL.D., A.R.Hist.S.**

Carmelo Grima

*versus*

Alfred Spiteri Debono *et*

**Appell Inferjuri - Inammissibilità - Valur li ma Jeċċedix Lm200 - Punt ta' Dritt - Artikolu 228 (2) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**

*Appell iddikjarat mill-Qorti ta' l-Appell bhala proċeduralment inammissibbli a tenur ta' l-artikolu 228 (2) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili ghaliex ma kienx jeċċedi Lm200 u ma kienx jinvolvi punt ta' dritt.*

*Il-Qorti:-*

B'avviż ipprezentat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) l-attur talab il-kundanna tal-konvenut esponent appellant ghall-hlas tas-somma ta' mija, hamsa u ghoxrin lira Maltija (Lm125.00) dovuta lill-attur, rappreżentanti l-bilanċ ta'

sehmu mid-dħul ta' negozju li kellu ma' l-attur fir-rigward tal-Golden Hind Restaurant, Paceville;

Il-konvenut eċċepixxa illi:

(i)Il-kreditu pretiż huwa ukoll fil-konfront ta' Josephine Deguara u għalhekk din trid tiġi kkjamata fil-kawża;

(ii)L-azzjoni attriċi waqgħet bil-preskrizzjoni ai termini ta' l-artikolu 2158 (f) tal-Kodiċi Ċivili u ta' l-artikolu 542 tal-Kodiċi tal-Kummerċ;

(iii)Is-somma pretiża mill-attur tinsab debitament imħallsa;

(iv)Id-dejn in kwistjoni ġie maħfur;

B'sentenza mogħtija fil-25 ta' Mejju, 1993, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) laqgħet l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut u kkjamat fil-kawża lill-imsemmija Josephine Deguara li ssollevat l-eċċezzjonijiet fuq imsemmija numru (ii), (iii) u (iv) kif ukoll l-eċċezzjoni li ma kienx hemm relazzjoni ġuridika bejnha u l-attur appellat;

B'sentenza oħra ta' l-4 ta' Diċembru, 1996, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) laqgħet l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni ssollevata minn Josephine Deguara, ċaħdet l-eċċezzjonijiet l-oħra kollha ssollevati mill-konvenut esponent appellant u laqgħet it-talba attriċi fil-konfront tal-konvenut esponent appellant, billi kkundannatu jħallas lill-attur appellat is-somma ta' Lm125.00 bl-ispejjeż kollha u bl-imgħax kif mitluba;

Il-konvenut ħass ruħu aggravat b'din is-sentenza ta' l-4 ta'

Diċembru, 1996 u nterpona appell minnha lil din il-Qorti fuq l-aggravju illi l-Ewwel Qorti waslet għall-konklużjoni tagħha a bażi ta' kriterji legalment inaċċettabbli u appuntu għalhekk jissussisti dritt ta' appell nonostante li f'din il-kawża si tratta dwar pretensjoni li ma tiskorrix mitejn lira Maltija (Lm200);

Illi f'din il-kawża ġie stabbilit u aċċettat li l-pretensjoni attriċi hija naxxenti minn kambjala ddatata 9 ta' April, 1995, esebita dokument A a fol. 11 fil-proċess;

Illi daqstant ieħor ġie stabbilit u aċċettat illi l-fuq imsemmi avviż ġie notifikat wara l-iskadenza ta' ħames snin mid-*due date* tal-kambjala però l-Ewwel Qorti kkonkludiet u assumiet ċerti fatti biex iddeċidiet li *cheque* maħruġ mill-konvenut esponent appellant iddatat 27 ta' Ġunju, 1991, għall-ammont ta' Lm125.00,0 interrompa l-preskrizzjoni, meta ġie ampjament stabbilit li dak iċ-*cheque* ma nħariġx għall-ammont pretiż f'din il-kawża iżda żbaljatament għal ammont ieħor inferjuri. L-Ewwel Qorti assumiet ċerti fatti biex waslet għal konklużjoni li l-imsemmi *cheque* ma ħariġx bi żball. Fl-ewwel lok, l-Ewwel Qorti kienet legalment żbaljata li tassumi dawn il-fatti. Fit-tieni lok, ċertament ma jistax jingħad li dan iċ-*cheque* kjarament, espliċitament u inekwivokalment jammonta għal rikonoxximent tal-pretensjoni attriċi jew rinunzja għall-preskrizzjoni. F'dan il-każ, għalhekk, skond il-ġurisprudenza, peress illi l-fatt allegatament interruttiv mhux ċar, espliċitu u inekwivoku, id-deċiżjoni kellha tmur kontra r-rinunzja jew rikonoxximent u mhux favur kif għamlet l-Ewwel Qorti;

Illi di più l-Ewwel Qorti ddeċidiet il-prinċipju legali li l-fatt li l-kambjala tinsab għand il-konvenut esponent appellant ifisser preżunzjoni tal-ħelsien mid-dejn naxxenti minnha (artikolu 1193 (1), Kodiċi Ċivili). Din il-presunzjoni tista' tiġi ribattuta minn prova da parti tal-kreditur li r-radd tagħha lid-

debitur sar bi ħsieb ieħor minn dak li jeħles lid-debitur. Iżda, f'dan il-każ, l-attur dan ma għamlux u għalhekk, legalment, l-Ewwel Qorti kien messha applikat il-presunzjoni favur il-konvenut esponent appellant u mhux kontra tiegħu;

Illi anke dwar l-eċċezzjoni tal-pagament, il-fatt illi l-konvenut esponent appellant ipprova li l-attur appellat ta l-kunsens tiegħu għall-kanċellament ta' l-ipoteka li saret appuntu biex jiġi kkawtelat id-dejn li l-konvenut esponent appellant kellu ma' l-attur appellat, stante n-nuqqas ta' riserva da parti ta' l-attur appellat, fl-att ta' kanċellament relattiv, ma jistax ifisser żgur li l-attur appellat, fl-att ta' kanċellament relattiv, ma jistax ifisser ħaġa oħra li l-ħlas li kellu jsir sar. Għall-anqas ifisser żgur li l-attur ma laħaqx dak il-grad ta' prova għall-eżitu favorevoli li kellu u skond anke ma ġie deċiż fil-kawża fl-ismijiet **Rausi *vs* Muscat** (Appell, 22 ta' Novembru, 1995), u **Lenicker *vs* Camilleri** (Prim'Awla, 31 ta' Mejju, 1972), ħawn huwa l-każ li l-*actore non probante reues absolvitur*;

Għaldaqstant, il-konvenut appellant, talab li din il-Qorti jogħġobha tirriforma l-imsemmija sentenza appellata fl-ismijiet premessi mogħtija fl-4 ta' Diċembru, 1996, billi tħassarha u tirrevokaha in kwantu l-eċċezzjonijiet tiegħu ġew miċħuda u ġie kkundannat iħallas lill-attur appellat is-somma ta' Lm125.00 biex b'hekk tilqa' l-istess eċċezzjonijiet jew liema minnhom u tiċħad it-talba attriċi u tikkonfermaha għall-bqija;

Wara li rat l-atti kollha tal-kawża u semgħet it-trattazzjoni għad-deliberazzjoi u deċiżjoni tagħha;

Kif ġie rreġistrat fil-verbal tat-18 ta' Ġunju, 1998, u kif ukoll sar aċċenn kemm fil-verbali anteċedenti għalih u kemm kif jissemma' fl-istess rikors ta' l-appell, it-trattazzjoni ta' dan l-appell jiddependi minn kemm in realtà dana l-appell tal-

konvenut Alfred Spiteri Debono huwiex *proċeduralment* ammissibbli jew le. Dana għaliex l-artikolu 228 (2) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12 *tal-Liġijiet ta'* Malta) jispeċifika illi m'hemmx dritt ta' appell minn deċiżjoni mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati, fil-*kompetenza* tagħha inferjuri, fejn l-ammont mitlub ma jkunx jeċċedi l-mitejn lira Maltija (Lm200) u l-materja in kawża ma tkunx tinvolvi punt ta' liġi determinat fis-sentenza. Evidentement din ir-regola proċedurali hija waħda ta' ordni publiku u bħala tali hija ssollevabbli ukoll mill-Qorti *ex officio*. Għal dak li jikkonċerna l-*quantum* tat-talba si tratta ta' somma speċifikata u ċjoè Lm125, u kwindi hija taħt il-Lm200;

L-appellant jissottometti li l-appell tiegħu huwa ammissibbli–xorta waħda in kwantu hawn "si tratta ta' appell minn sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fuq kriterji li huma legalment inaċċettabbli, maqtugħa fl-istess sentenza";

Jelabora l-appellant li l-Ewwel Qorti "kienet legalment żbaljata" li tassumi ċerti fatti biex iddeċidiet li *cheque* maħruġ mill-appellant "interrompa l-preskrizzjoni meta ġie ampjament stabbilit li dak iċ-*cheque* ma nħariġx għal ammont ieħor inferjuri". Skond l-appellant, "il-Qorti kienet legalment żblajata li tassumi dawn il-fatti";

Fil-fehma tal-Qorti, dak li qed jillanja minnu l-appellant fis-suespost, mhux għajr dak li skond hu, l-Ewwel Qorti għamlet evalwazzjoni skorretta tal-fatti u nterpretat b'mod ħażin il-liġi. Anke jekk, għall-grazzja ta' l-argument sar hekk, u trattandosi ta' inammissibilità *ratione valoris*, l-appell mhux ammissibbli. Minbarra dan però minn eżami tas-sentenza appellata ma jirriżultax li kien hemm xi punti ta' liġi li ġew determinanti kif ġie pprospettat u sottomess mill-konvenut

appellant. Minn din id-deċiżjoni interpretattiva tal-provi prodotti, l-appellant għoġbu jislet u jibni argument elaborat li l-Ewwel Qorti kien messha applikat il-presunzjoni favur il-konvenut u mhux kontra tiegħu. Skond l-appellant b'daqstant l-Ewwel Qorti kienet legalment żbaljata. Minn eżami tas-sottomissjonijiet ta' l-appellant din il-Qorti ma tirravviżax ħlief interpretazzjoni differenti tal-provi minn kif ġie deċiż mill-Ewwel Qorti. Illi għalhekk dan ifisser li skond il-liġi tal-proċedura ssurreferita l-appell intavolat mill-konvenut appellant mhuwiex wieħed ammissibbli. Li kieku l-ammont in kawża kien jeċċedi l-mitejn lira, m'hemmx dubbju li l-appell kien ikun soġġett għat-trattazzjoni għax ikun ammissibbli, imma għar-raġuni fuq imsemmija l-appell tal-konvenut mhuwiex ta' din ix-xorta;

Għal dawn ir-raġunijiet;

Tiddeċidi billi tiċħad l-appell tal-konvenut peress li mhuwiex ammissibbli a tenur ta' l-artikolu 228 (2) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-istess konvenut.